# X'għandek tistenna mingħand l-osteopata tiegħek

Livell għoli ta' servizzi ta' osteopatija fl-Ewropa.



L-Istandard Ewropew dwar Servizzi ta' Kura Osteopatika jiżgura lill-pazjenti li l-livell ta' kura li jingħataw meta jżuru osteopata f'Malta jinżamm għoli u skont il-livell stabbilit mill-Unjoni Ewropea.

## X'għandek tistenna meta żżur osteopata?

Bħala pazjent f'Malta, għandek tistenna li l-osteopata tiegħek:

- Jagħmel saħħtek l-ewwel prijorità tiegħu
- Jittrattak bl-ikbar ħsieb, dinjità u rispett
- Jinvolvik f'deċiżjonijiet li jwasslu għal pjan ta' kura
- Iwieġbek minnufih meta jkollok xi mistoqsijiet
- Dejjem iżomm l-informazzjoni personali tiegħek konfidenzjali



## X'inhi l-osteopatija?

L-osteopatija (osteopathy) hija forma ta' kura manwali li tagħti importanza u tagħraf ir-rabta importanti bejn l-istruttura tal-ġisem u kif dan jiffunzjona. Dawk li jipprattikaw din il-kura, li jissejħu osteopati (osteopaths), jiffukaw fuq il-funzjoni tajba tal-għadam, muskoli, ġogi, nervituri, iċ-ċirkolazzjoni u l-organi interni u kif dawn jaħdmu flimkien sabiex il-ġisem jaħdem tajjeb.

L-osteopata juża sistema ta' evalwazzjoni li tinkiseb wara żmien ta' taħriġ, fejn b'mod manwali, jidentifika nħawi fil-ġisem li jistgħu jxekklu l-moviment, u b'hekk jistgħu jaffettwaw il-funzjoni globali tal-ġisem. It-trattament jingħata billi l-osteopata juża jdejh biex jimmanipula l-ġogi u l-muskoli tal-pazjent.

Ostjopati kkwalifikati huma professjonisti tal-kura primarja, li jfisser li huma mħarrġa fuq medda ta' bosta snin sabiex jagħrfu diversi kundizzjonijiet mediċi. Huma mħarrġin sabiex, bħala parti mill-viżta li jagħmlulek, jeżaminaw is- sistema muskolari, iċ-ċirkolazzjoni, in-nifs u n-nervituri. B'dan il-mod, jekk ikun hemm il- ħtieġa, jistgħu jirreferuk għand tobba jew speċjalisti għal aktar evalwazzjoni.

F'ċerti pajjiżi l-osteopatija hija magħrufa wkoll bħala mediċina osteopatika (osteopathic medicine).

*"Dawk li jipprattikaw din il-kura, li jissejħu osteopati (osteopaths), jiffukaw fuq il-funzjoni tajba tal-għadam, muskoli, ġogi, nervituri, iċ-ċirkolazzjoni u l-organi interni u kif dawn jaħdmu flimkien sabiex il-ġisem jaħdem tajjeb."*

## Kif għandek tagħżel l-osteopata tiegħek:

Qabel ma tmur tara ostjopata, huwa importanti tkun taf jekk huwiex irreġistrat u għandux liċenzja sabiex jipprattika l-professjoni. Tista' tagħmel dan billi tikkuntattja l-awtorità f'Malta li tirregola din il-professjoni, li hija il-Council for Professions Complementary to Medicine (CPCM) fuq: https://health.gov.mt/en/regcounc/cpcm/Pages/cpcm.aspx jew billi ċċempel 21255538.

Klinika tal- osteopatija għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-osteopati li jaħdmu fiha, kemm għandhom snin ta' taħriġ, kif ukoll il-kwalifiki tagħhom.

Għandhom jgħidulek ukoll x'servizzi jistgħu joffru, u kemm wieħed għandu jħallas tal-viżta u tas-servizzi kollha li jingħata.

Għandu jkun hemm indafa u iġjene li tikkonforma mal-livelli stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-istandards uffiċjali tas-saħħa u kura medika.



*"Qabel ma tmur tara ostjopata, huwa importanti tkun taf jekk huwiex irreġistrat u għandux liċenzja sabiex jipprattika l-professjoni."*

## L-istorja u l-viżta

Fl-ewwel viżta li jagħmillek, l-osteopata ser:

- Jisma' sew l-ispjegazzjoni tiegħek dwar il-kundizzjoni li tixtieq tikkonsulta dwarha, saħħtek in ġenerali: inklużi dettalji oħra li jistgħu jaffettwawha, kura medika oħra li forsi qed tieħu, u jieħu nota ta' dan kollu fuq il-file tiegħek. L-informazzjoni li tagħti għandha dejjem tinżamm kunfidenzjali.

- Jeżaminak sew. Ħafna drabi, l-osteopata tiegħek jista' jitolbok tneħħi ftit mill-ħwejjeġ li tkun liebes/sa u tikxef il-parti fejn qed tħoss l-uġigħ jew fejn hemm il-problema, ħalli jkun jista' jara u jħoss l-għadam, il-ġogi u l-muskoli u jeżaminak aħjar. Dan dejjem bil-kunsens tiegħek. Wara li jkun spjegalek x'tista' tkun il-problema tiegħek, ifissirlek bir-reqqa x'ser jinvolvi t-trattament tiegħek fil-każ partikolari. Tista' dejjem twaqqaf it-trattament f'kull ħin jekk ma tħossokx komdu/a. Tista' wkoll titlob lil xi ħadd jakkumpanjak waqt il-viżta.

- Jitolbok tistira u tagħmel movimenti oħra sempliċi biex josserva kif toqgħod u kemm tista' tiċċaqlaq. Jara wkoll kif qed jaħdmu l-gogi, muskoli u organi oħra billi juża jdejh biex jara fejn ikun l-uġigħ.

- Jispjegalek sew x'sab u jirrakkomandalek x'għandek tagħmel, u anki jirreferik lil tabib jew speċjalista għal iktar stħarriġ, jew jibda jarak regolarment. Naturalment ifisserlek x'jistgħu jkunu l-effetti tat-trattament osteopatiku u x'reazzjonijiet tista' tistenna minnu.

*"Wara li jkun spjegalek x'tista' tkun il-problema tiegħek, ifissirlek bir-reqqa x'ser jinvolvi t-trattament tiegħek fil-każ partikolari."*



*“Jispjegalek xi jkun qed jagħmel u jitolbok permess biex jittrattak.”*

## Trattament osteopatiku

- L-osteopata jittrattak billi juża jdejh u manipulazzjoni preċiża tal-muskoli, l-għadam u l-organi u billi jimmassaġġak fejn ikun meħtieġ. Jispjegalek xi jkun qed jagħmel u jitolbok permess biex jittrattak. Saqsi kwalunkwe mistoqsija f’kull ħin jekk m’intix żgur jew jekk xi ħaġa tinkwetak.

- L-osteopata tiegħek jista’ wkoll jirrakomandalek eżerċizzju u modi kif tgħin lilek innifsek, kif ukoll billi tirrikorri għal trattamenti oħra kif ikun meħtieġ ħalli jgħinek tfiq.

Jista’ jkun jeħtieġlek tagħmel iktar minn viżta waħda biex issolvi l-problema tiegħek. L-osteopata jara xi progress tkun għamilt bejn viżta u oħra u jara tkunx trid tagħmel xi tibdiliet fit-trattament tiegħek.

## Jekk ikollok xi tħassib

Kull klinika osteopatika għandu jkollha proċedura sabiex tqis u twieġeb għal xi tħassib jew ilment.

Jekk għandek xi tħassib dwar il-kura li ngħatajt, ikun siewi li dan twasslu lill-osteopata konċernat, jew lil min jimpjegah jekk ikun il-każ, biex tara jekk dan jistax jissewwa.

Jekk ma jirnexxilekx issolvi l-problema, jew jekk inhi serja tant li tista' taffettwa l-mod li l-osteopata jopera b'mod li ma jkunx perikoluż, għandek tkellem lill-awtorità kompetenti, fil-każ ta' Malta, is-CPMC (ara fuq).

## Standards professjonali għall-aqwa kura osteopatika

Il-professjoni osteopatika hija marbuta li tagħti kura ta' kwalità għall-ġid tal-pazjenti billi tapplika l-ogħla standards ta' mġieba etika u professjonali.

Il-European Standard on Osteopathic Healthcare Promotion maħruġ mis-CEN, l-organu tal-istandards Ewropew, jgħid x'inhu l-inqas livell ta' kura li għandha tingħata lill-pazjenti fl-Ewropa kollha rigward edukazzjoni osteopatika, djanjosi, trattament u kura. Ma tiħux post leġiżlazzjoni nazzjonali, fejn din teżisti.

*"Jekk għandek xi tħassib dwar il-kura li ngħatajt, ikun siewi li dan twasslu lill-osteopata konċernat."*

## Għal aktar tagħrif

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar kwalunkwe aspett tal-kura osteopatika f'pajjiżek, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-CPCM.

Għal aktar tagħrif dwar il-European Standard on Osteopathic Healthcare Provision jekk jogħġbok ikteb lill-Forum for Osteopathic Regulation in Europe (FORE) jew lill-European Federation of Osteopaths (EFO). Il-membri tal-FORE u l-EFO taw bidu għall-European Standard u ffinanzjawh.

Inti tista' tikkonsulta jew tikseb kopja ta' l-iStandard billi tikkuntattja l'MCCAA fuq standards@mccaa.org.mt jew tel: 2395 2000.

MCCAA
MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

www.efo.eu www.forewards.eu www.cen.eu

©2016 FORE